**15 ta' Marzu, 1965**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Charles Fenech

*versus*

Annunziato Camilleri

**Kompetenza u konnessjoni**

*Il-kompetenza minħabba l-materja, valur u grad hi assoluta u kwindi bħala regola l-kontinenza ta' kawża ma ġġib l-ebda deroga għal dik il-kompetenza u għandu għalhekk jiġi ritenut li hu prinċipju ġenerali li l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' kawża ma ssirx minħabba l-konessjoni, kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' kawża oħra, li avut rigward għall-materja, għal valur, jew għal grad, tkun ta' ġurisdizzjoni ta' Qorti oħra.*

Il-Qorti,

Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti *Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur — premes*si d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — peress illi hu kien ikkonsenja lill-konvenut żewġ pompi biex jiġu kollokati fil-magni ta' diesel tal-baħar li l-istess konvenut kellu jarma fil-cutter tal-attur, kif ukoll xi żebgħa li kienet tiswa lira u nofs, u peress li l-konvenut ma lestiex ix-xogħol sal-31 ta' Lulju, 1964, kif kien sar ftehim, u baqa' jitlajja sakemm għadda ż-żmien utili, u kwindi kull ftehim ġie xjolt, u peress illi x-xogħol li l-konvenut laħaq għamel la kien skond il-ftehim u anqas skond l-arti, u peress illi l-attur minħabba fil-premess sofra danni konsistenti fit-telf taż-żebgħa fornita, u fit-telf ta' qliegħ li huwa kien jirrikava bl-attivazzjoni ta' dak il-cutter li kieku l-konvenut lesta x-xogħol skond il-ftehim u l-arti u fiż-żmien — talab illi l-konvenut (1) jiġi kkundannat li, fi żmien qasir u perentorju, jirrestitwixxi lill-attur iż-żewġ pompi fuq indikati, u, in difett, jiġi kkundannat iħallas l-attur il-valur ta' *dawk il-pompi fis-somma li tiġi likwidata mill-Qorti*; u (2) il-konvenut, minħabba fl-inadempienza tiegħu, u għar-raġunijiet fuq indikati, jiġi dikjarat responsabbli tad-danni subiti mill-attur, konsistenti dawn id-danni fil-valur taż-żebgħa fornita, telf ta' qliegħ, u kull ħaġ'oħra li tirriżulta waqt il-kawża; li (3) id-danni fuq indikati jiġu likwidati minn dina l-Qorti, anke, jekk hemm bżonn, permezz ta' Periti, u l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-attur is-somma li tiġi hekk likwidata bl-interessi legali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tas-17 ta' Settembru, 1964;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha jgħid *illi t-talbiet attriċi huma fid-dritt u fil-fatt infondati stanti* li hu biegħ lill-attur żewġ magni diesel għall-baħar b'modifiki fihom biex ikunu jistgħu jintramaw fuq "cutter" u fil-fatt dawn iż-żewġ magni huma u ilhom lesti minn kollox u

hu ddepositahom taħt l-awtorità ta' din il-Qorti biex jeħodhom l-attur u pproċeda kontra tiegħu għall-ħlas tal-prezz mif'uihem;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li biha, in linea preliminari, u bla preġudizzju tal-eċċezjonijiet ġa' minnu mogħtija eċċepixxa l-inkompetenza ta' dina l-Qorti "ratione materiae" stante li l-eċċipienti huwa kommerċjant u tant l-ewwel kemm it-tieni u t-tielet talbiet attriċi huma konnessi man-negozju tal-eċċipient;

Rat ir-rikors tal-konvenut tal-15 ta' Ottubru, 1964, u d-degriet tas-17 ta' Ottubru, 1964, fejn l-imsemmija Qorti laqgħet it-talba tal-attur biex dina l-kawża tiġi deċiża kontestwalment mal-kawża l-oħra fl-ismijiet invertiti;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl-1 ta' Diċembru, 1964 li biha ġiet milqugħa l-eċċezjoni ta' l-inkompetenza ta' dik il-Qorti, bl-ispejjeż kontra l-attur — wara li dik il-Qorti kkunsidrat:

riae" sollevata mill-konvenut għandu mill-ewwel jingħad li
Li dwar l-eċċezzjoni tal-inkompetenza "ratione matedina l-eċċezjoni jistħoqqilha li tiġi milqugħa. Infatti mixxhieda mogħtija mill-konvenut fil-kawża fl-ismijiet invertiti li qegħda tiġi trattata kontestwalment ma' dina l-kawża, irriżulta, mhux kontestat, li l-konvenut huwa mechanic; għandu workshop u negozju regolari biex jirranġa magni, jiffitjohom u mill-istess ħanut ibiegħ ukoll spare parts għall-magni;

Li l-operazzjoni in kwistjoni hija kommerċjali għall-konvenut, u għalhekk l-azzjoni relativa tmiss lill-Qorti tal-Kummerċ (art. 37 Proċ. Ċiv.).

Ikkunsidrat:

Li, waqt it-trattazzjoni l-Avukat tal-attur irrileva li huwa kien kostrett jadixxi dina l-Qorti in via rikonvenzjonali, liema proċedura minnu magħżula ġiet ukoll konfermata minn dina l-Qorti b'degriet tat-18 ta' Ottubru, 1964 fejn laqgħet it-talba għat-trattazzjoni kontestwali ta' dina l-kawża ma' l-oħra fl-ismijiet invertiti, preċedentement introdotta quddiem dina l-Qorti mill-konvenut, u fi kwalunkwe każ, l-attur f'dina l-kawża nsista li huwa m'għandux jissopporti l-ispejjeż ta' dan l-inċident.

Li jidher kjarament li l-attur irid jipprevali ruħu mir-rimedju ravvisat fl-artikolu 403 tal-*Proċedura Ċivili* li jgħid: "meta l-konvenut f'kawża jkun ipproprona f'kawża oħra, talba konnessa ma' dik tal-attur skond l-art. 396 il-Qorti tista' tordna li ż-żewġ kawżi jiġu msejħin flimkien (Kollez. XXXI, I, 82).

Li in vista tal-konnessjoni ta' dina l-kawża ma' l-oħra ġa *fuq riferita l-Qorti ordnat it-trattazzjoni kontestwali*, għaliex prima facie kien jidher li fl-azzjoni odierna jirrikorru xi rekwiżiti kontemplati fl-imsemmi art. 396 tal-Proċedura Ċivili, fis-sens li teżisti bejniethom kommunanza ta' oriġini, konnessjoni ta' soġġetti u d-deċiżjoni ta' waħda tista' tinfluwixxi fuq l-oħra u huma in parti ntiżi għall-eliminazzjoni reċiproka taż-żewġ domandi (Kollez. XXVIII, III, 993).

Li, pero, huwa tajjeb li jiġi affermat li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, fil-materja li tittratta fuq l-eċċezzjonijiet tal-inkompetenza, wara li stabilixxa b'mod ġenerali "li jaqa' wkoll taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ċivili ta' dawna l-Gżejjer *kull min jkun rikonvenut f'kawża proposta minnu*" (art. 744); ikompli jgħid: "Id-disposizzjonijiet tal-artikolu ta' qabel dan, igħoddu wkoll meta r-rikonvenzjoni għal raġuni-

jiet oħra, ma tistax tiġi proposta quddiem il-Qorti li fiha l-attur ikun ippropona t-talba tiegħu. F'dan il-każ, it-talba tal-konvenut, jekk tkun konnessa mat-talba tal-attur . . . tista' ssir quddiem kull Qorti kompetenti f'dawna l-Gżejjer."

Li hawn jintervieni awtorevolment l-Imħallef Paolo Debono, billi jirrisolvi dina l-kwistjoni, li ma tidhirx suffiċjentement mpostata fil-Kodiċi Tagħna. "Che dal testo risulta chiaro il concetto del legislatore di volere che la domanda principale e la domanda riconvenzionale siano separatamente considerate in ordine alla competenza; di maniera che il tribunale competente a prendere cognizione della prima, non tragga, per cio solo, a se la seconda, quando questa per materia o per valore e fuori dei suoi limiti" (Kollez. XVI, III, 67).

Li dina l-konklużjoni ssib ir-riperkussjonijiet tagħha anki fid-dottrina ġuridika. Pisanelli (Commentario del Codice di Procedura No. 826 et seq. Tom. p. 1. p. 752 Ediz. Prima) josserva li: "La domanda riconvenzionale incontra necessariamente nel suo esercizio alcuni limiti . . . Distinte le giurisdizioni per ragione di materia, il primo limite che incontra la domanda riconvenzionale è appunto in siffatta distinzione. Se si ritenesse che colui che convenuto innanzi ai giudici amministrativi o commerciali potesse proporre contro l'attore anche quelle domande, la cognizione delle quali sia esclusivamente attribuito dalla legge ai magistrati Civili, si smarrirebbe quella distinzione che la legge ha stabilito nell'interesse pubblico."

Li l-Qorti, fil-kawża l-oħra fl-ismijiet invertiti, ma tirravvisax l-istess limiti a rigward tal-kompetenza "ratione materiae" li jirrikorru fil-kawża presenti, għaliex, qabel xejn m'għandhiex quddiemha l-eċċezzjoni relativa għall-inkom-

petenza tagħha, u anqas huwa l-każ li dina tiġi minnha sollevata "ex officio" għaliex hija tal-fehma li f'dik il-kawża l-Qorti adita mill-attur hija kompetenti tieħu konjizzjoni tat-talba li hija kollha ta' natura ċivili (art. 33 (1) Proċ. Ċiv.).

Li, għalhekk, l-attur ma' jistax jinvoka temperament fil-kap tal-ispejjeż, għaliex skond il-prinċipji ġa' esposti, għalkemm aġixxa in via rikonvenzjonali, b'daqshekk ma jistax jippretendi li huwa kien legalment ġustifikat jadixxi dina l-Qorti li rrisulta li mhiex kompetenti tieħu konjizzjoni tat-talba tiegħu "ratione materia"; infatti huwa risaput li r-rikonvenzjoni ma tipprorogax il-kompetenza "in riguardo ad un'azione di esclusiva attribuzione del Tribunale Civile, quand'anche. . . l'attore non avesse fatto altro che dedurre in via di azione le eccezioni da lui date nella causa introdotta in primo luogo".

Rat ir-rikors ta' l-attur li adixxa din il-Qorti, skond l-artikolu 779 tal-kodiċi tal-proċedura ċivili, biex jiġi definitivament dikjarat liema hija l-Qorti kompetenti.

Rat l-attjiet tal-kawża.

Semgħet lid-difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Meta l-attur ippropona din il-kawża kontra l-konvenut dana kien ġia ppropona kontra tiegħu, quddiem l-istess Qorti, kawża oħra, u peress li lill-attur deherlu li t-talba minnu proposta b'din il-kawża hi konnessa ma' dik proposta kontra tiegħu bil-kawża l-oħra, talab illi ż-żewġ kawżi jiġu

mismugħin flimkien, u l-ewwel Qorti laqgħet it-talba tiegħu b'digriet tas-17 ta' Ottubru, 1964.

Fil-kawża preżenti l-konvenut, pero, eċċepixxa l-inkompetenza ta' dik il-Qorti u dina l-eċċezjoni tiegħu ġiet milqugħa bis-sentenza fuq riferita.

M'hemmx kwistjoni li din l-kawża, minħabba x-xorta ta' l-oġġett tagħha, hi, skond l-artikolu 37 tal-Kodiċi tal-proċedura ċivili, ta' kompetenza tal-Qorti tal-kummerċ; iżda l-attur *sostna li l-konnessjoni tagħha mal-kawża l-oħra* tiswa biex tidderoga għall-kompetenza u dana evidentement in basi għad-disposizjoni kontenuta fl-artikolu 403 tal-Kodiċi ċitat. Dina l-pretensjoni addotta mill-attur ma tistax, pero, tiġi *sostnuta, u inveru:*

L-artikolu 403 jikkontempla l-każ ta' żewġ kawżi bejniethom analogi billi t-talba proposta f'waħda u fl-oħra jkunu *konnessi kif jingħad* fl-artikolu 396 — jiġifieri t-talba proposta bil-kawża tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titulu li minnu tkun ġejja t-talba proposta bil-kawża ta' l-attur jew meta l-iskop tat-talba proposta bil-kawża tal-konvenut ikollha l-iskop li tpaċi l-kreditu mitlub bil-kawża ta' l-attur, jew li b'kull mod ieħor iġġieb fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew li timpedixxi l-effetti tagħha — u f'dawn il-każijiet, appuntu minħabba din il-konnesjoni, bl-artikolu ċitat hi mogħtija lill-Qorti l-fakultà li tordna li ż-żewġ kawżi jiġu mismugħin flimkien.

Imma hu risaput illi l-kompetenza minħabba l-materja, valur u grad hi assoluta u kwindi bħala regola l-kontinenza ta' kawża ma ġġib l-ebda deroga għal dik il-kompetenza u għandu għalhekk jiġi ritenut illi hu prinċipju ġenerali li l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' kawża ma ssirx, minħabba l-konnessjoni, kompetenti biex tieħu konjizzjoni

ta' kawża oħra, li, avut rigward għall-materja, għal valur jew għal grad, tkun ta' ġurisdizzjoni ta' Qorti oħra, ameno-ke l-leġislatur ma' japportax espressament modifikazzjoni-jiet jew temperamenti għal dan il-prinċipju li ma' jinstabux fil-Kodiċi proċedurali tagħna; anzi mit-test ta' l-artikolu 745 formanti parti mid-dispos:zjonijiet li jittrattaw mill-eċċezjoni ta' l-inkompetenza jidher li l-leġislatur ried li dak il-prinċipju ma jiġix minsus.

Inveru, wara li hu stabbilixxa, fid-disposizzjoni konte-nuta fl-artikolu 744, li "jaqa' wkoll taħt il-ġurisdizjoni tal-Qrati Ċivili ta' dawn il-Gżejjer kull min ikun rikonvenut f'kawża proposta minnu" u li "Id-disposizjoni ta' dan l-arti-kolu tgħodd ukoll għall-każijiet imsemmijin fl-artikolu 403". ikompli jgħid, fl-artikolu 745. illi "Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu ta' qabel dan" — ta' l-artikolu 744 — "igħoddu wkoll meta r-rikonvenzjoni għal raġunijiet oħra ma tistax tiġi proposta quddiem il-Qorti li fiha l-attur ikun ippropona t-talba tiegħu, u f'dan il-każ it-talba tal-konvenut, jekk tkun konnessa mat-talba ta' l-attur għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 396, tista ssir quddiem kull Qorti oħra kompetenti f'dawn il-Gżejjer." Dana ma jistax ifisser ħlif li fil-ħsieb tal-leġislatur it-talba rikonvenzjonali u l-konnessjoni ta' kawża ma dderogawx għall-kompetenza. Hekk ġie ritenut mill-Qorti tail-Kummerċ tagħna fis-sen-tenza mogħtija fil-kawża "Sc:cluna vs. Cassar" fejn jin-għad: "Che dal testo (ta' l-imsemmi artikolu 745) risulta chiaro il concetto del legislatore di volere che la domanda principale e la domanda riconvenzionale siano separatamen-te considerate in ordine alla competenza di maniera che il tribunale competente a prendere cognizione della prima non tragga per cio solo, a se la seconda quando questa per ma-teria o per valore e fuori dei suoi limiti (Collez. XVI, III, 687).

Għal dawn il-motivi:

Tikkonferma d-deċiżjoni fuq riferita mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qrati Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina fl-1 ta' Diċembru, 1964, fuq l-eċċezjoni preġudizjali, u tiddikjara, għall-finijiet taċ-ċitat artikolu 779 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, illi hija l-Qorti tal-Kummerċ l-unika kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża, u tordna għaldaqstant illi lil dik il-Qorti jiġu permezz tar-Reġistratur mibgħutin l-atti L-ispejjeż ta' l-inċident huma akkariku ta' l-attur.